European Banking Authority

EBA/GL/2015/12 (verżjoni konsolidata)

1 ta' Ġunju 2015

►O

# Linji Gwida tal-EBA

# dwar l-arretrati u l-preklużjoni

| | Data tal-applikazzjoni |
|---|---|
| ►O | 21.03.2016 |
| Emendat bi: | |
| ►A1 EBA/GL/2024/10 | 22.10.2024 |

# Taqsima 1 - Obbligi ta’ konformità u rapportar

▼O

## Status ta’ dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

▼A1

## Rekwiżiti ta’ rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma’ dawn il-Linji Gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta’ konformità, sa 21.10.2024. Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA tiġi sottomessa lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza “EBA/GL/2024/10”. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b’awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f’isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta’ konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

▼O

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12-47).

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

# Taqsima 2 – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida jagħtu iżjed dettajli dwar ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/17/UE[2] rigward il-kuntratti ta' kreditu li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/17/UE.

## Destinatarji

### Destinatarji ta' dawn il-Linji gwida

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lil:

▼A1

a. awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (l-awtorità tal-EBA) li huma wkoll awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fil-punt (22) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/17/UE; u

▼O

b. huma indirizzati wkoll lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma krendituri skont kif iddefiniti fil-punt (2) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/17/UE.

▼A1

### Destinatarji tar-rekwiżiti tal-informazzjoni [imħassar]

7. [imħassar]

▼O

## Definizzjonijiet

8. It-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva 2014/17/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

[2] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, (ĠU L 60, 28.02.2014, p.34).

▼A1

## Esternalizzazzjoni [imħassar]

9. [imħassar]

# Taqsima 3 – Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-21 ta' Marzu 2016, ħlief li r-rekwiżiti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 japplikaw minn [data ta' pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali + 1 jum].

# Taqsima 4 – Rekwiżiti dwar l-arretrati u l-preklużjoni

## Linja gwida 1: L-istabbiliment ta’ politiki u proċeduri

1.1 Il-kreditur għandu jistabbilixxi, u jżomm aġġornati, proċeduri biex jiskopri, kmieni kemm jista’ jkun, konsumaturi li qed ikollhom diffikultajiet bil-pagamenti.

1.2 Il-kreditur għandu jistabbillixxi, u jżomm aġġornati, politiki u proċeduri għat-trattament effettiv ta’ u l-involviment mal-konsumaturi li qed ikollhom diffikultajiet bil-pagamenti. Il-politika dwar l-involviment mal-konsumatur għandha tinkludi li l-kreditur jipprovdi informazzjoni xierqa, pereżempju, permezz ta’ siti web u materjali bil-miktub, u appoġġ għal konsumaturi li qed ikollhom diffikultajiet bil-pagamenti.

1.3 Il-kreditur għandu jipprovdu taħriġ xieraq għall-persunal li jittrattaw ma’ konsumaturi li qed ikollhom diffikultajiet bil-pagamenti.

## Linja gwida 2: L-involviment mal-konsumatur

2.1 Meta konsumatur jibda jkollu diffikultajiet bil-pagamenti, il-kreditur għandu jaħdem mal-konsumatur biex jistabbilixxi r-raġuni għaliex irriżultaw it-tali diffikultajiet u biex il-kreditur jieħu l-passi xierqa.

2.2 Kwalunkwe interazzjoni mill-kreditur mal-konsumatur relatata mad-diffikultajiet li dan ikun qed ikollu bil-pagamenti għandha tirrispetta l-privatezza tal-konsumatur.

2.3 Il-kreditur, kif ukoll kwalunkwe aġent li jaġixxi f’isem il-kreditur, għandu jżomm livell ta’ kuntatt u komunikazzjoni ma’ konsumatur li jkun qed ikollu diffikultajiet bil-pagamenti li huwa proporzjonat għar-rekwiżiti tal-informazzjoni, u li mhuwiex eċċessiv.

## Linja gwida 3: L-għoti ta’ informazzjoni u għajnuna lill-konsumatur

3.1 Il-kreditur għandu jikkomunika b’mod ċar u f’lingwaġġ sempliċi.

3.2 Il-kreditur għandu jipprovdu appoġġ u, tal-anqas, l-informazzjoni li ġejja lill-konsumaturi li jkun qed ikollhom diffikultajiet bil-pagamenti:

a) in-numru ta’ pagamenti li ma ħallsux jew li ħallsu biss parti minnhom;

b) is-somma totali tan-nuqqas ta’ pagamenti;

c) l-imposti mġarrba bħala riżultat tan-nuqqas ta’ pagamenti;

d) l-importanza li l-konsumatur jikkopera mal-kreditur biex isolvi s-sitwazzjoni.

3.3 Fil-każijiet fejn id-diffikultajiet bil-pagamenti tal-konsumatur jippersistu, il-kreditur għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-konsumatur:

a) informazzjoni dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' pagamenti (eż. l-ispejjeż, ir-rata tal-imgħax għall-inadempjenza, it-telf potenzjali tal-propjetà, eċċ); u

b) informazzjoni dwar l-iskemi jew l-appoġġ tal-gvern/pubbliku disponibbli.

A1

## Linja gwida 4: Il-proċess ta' riżoluzzjoni: [imħassar]

4.1 Il-kreditur għandu jiddokumenta r-raġunijiet għaliex il-possibbiltà/possibbiltajiet ta' miżuri ta' tolleranza offruti lill-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 28(1) tal-MCD huma xierqa għaċ-ċirkostanzi individwali tiegħu/tagħha u għandu jagħmel u jżomm rekords xierqa tan-negozjati tiegħu mal-konsumatur li qed ikollu diffikultajiet bil-pagamenti għal perjodu raġonevoli ta' żmien.

## Linja gwida 5: Id-dokumentazzjoni tan-negozjati mal-konsumatur u ż-żamma tar-rekords

5.1 Il-kreditur għandu jiddokumenta r-raġunijiet għaliex il-possibbiltà/possibbiltajiet ta' miżuri ta' tolleranza offruti lill-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 28(1) tal-MCD huma xierqa għaċ-ċirkostanzi individwali tiegħu/tagħha u għandu jagħmel u jżomm rekords xierqa tan-negozjati tiegħu mal-konsumatur li qed ikollu diffikultajiet bil-pagamenti għal perjodu raġonevoli ta' żmien.

## Linja gwida 6: Esternalizzazzjoni

6.1 Fil-każijiet fejn l-attività tal-kreditur tiġi esternalizzata kollha kemm hi jew parti minnha lil partijiet terzi, il-kredituri, li ma jkunux xi waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafi 9 sa 11 fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni (EBA/GL/2019/02), għandhom jiżguraw, li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-Linji Gwida, inkluża r-responsabbiltà finali tal-istituzzjonijiet meta jesternalizzaw.[3]

[3] Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni (EBA/GL/2019/02) EBA BS 2019 xxx (EBA Draft Guidelines on outsourcing arrangements).docx (europa.eu) li ħassru l-linji gwida tas-CEBS dwar l-esternalizzazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2004 b'effett mit-30 ta' Settembru 2019.